MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1218/2010

**Anton u Marianne konjugi Camilleri**

**vs**

**Saviour u Giovanna Mangion**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-24 ta’ Novembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi l-konvenuti kienu ghamlu kwerela u rapport kontra r-rikorrenti, wara liema u b'konsegwenza ta' liema inbdew proceduri kriminali kontra r-rikorrenti Anton Camilleri f'liema l-istess gie akkuzat b'tentattiv ta' omicidju volontarju, liema proceduri gew finalizzati bis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-12 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Anton

Camilleri b' konsegwenza ta' liema sentenza r-rikorrent Anton Camilleri gie liberat minn kull imputazzjoni jew htija;

2. Illi permezz ta' din is-sentenza, ir-rikorrent Anton Camilleri gie illiberat minn kull imputazzjoni u piena;

3. Illi r-rapport/i u kwerela/i maghmula mill-konvenuti b'konsegwenza ta' liema inbdew il-proceduri kriminali fuq imsemmija kienu foloz u inveritjeri u dan jirrizulta anke mill-fatt li r-rikorrent gie liberat fl-imsemmija proceduri kriminali, kif ukoll irrizulta mill-provi li instemew fl-istess proceduri kriminali;

4. Illi bhala konsegwenza ta' dawn ir-rapporti u kewereli foloz u l-proceduri kriminali li rrizultaw minnhom ir-rikorrent sofra danni konsistenti fi spejjez minnhu inkorsi biex jiddefendi lilu innifsu, restrizzjonijiet fuq il-liberta u l-persuna tieghu u inkonvenjenti ohra li kollha sarfu f'telf ta' hin u telf ta' negozju b'dannu kbir ghar-rikorrenti; illi fil-fatt wara l-kwerela jew rapport tal-konvenuti r-rikorrent Anton Camilleri kien gie arrestat mill-pulizja mressaq il-Qorti taht arrest u moghti mill-istess Qorti tal-Magistrati fil-proceduri fuq imsemmija l-liberta provvizorja taht diversi restrizzjonijiet inkluzi li huwa jirrapporta l-ghassa tal-pulizija kuljum u sussegentement darba fil-gimgha u restrizzjonijiet fuq is-safar, liema restrizzjonijiet, billi huwa bniedem involut fin-negozju, kellhom effett hazin fuq in-negozju tieghu ghaliex kienu jirrestringu il-liberta tieghu kif ukoll it-tnaqqis fir-reputazzjoni tieghu li sarfet telf ta' negozju; illi fil-bidu nett anke r-rikorrenti Marianne Camilleri kienet giet arrestat ghallkemm ma nbdew l-ebda proceduri kriminali fil-konfront taghha; illi dan kollu sarraf f'dannu kbir lir-rikorrenti u telf ta' flus ghall-liema danni huma responsabbli l-intimati konvenuti billi kienu huma li taw bidu ghall-dawn il-proceduri bir-rapporti u kwereli foloz li ghogobhom jaghmlu lill-pulizija u din il-kawza qeda issir biex ir-rikorrenti atturi jigu indennizzati mill-intimati konvenuti ghad-danni minnhom sofferti bhala konsegwenza ta' rapport/kwereli foloz li ghamlu l-konvenuti;

5. Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati (ittra ufficjali tat-2 ta' Awwissu 2010, hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "A") sabiex jaddivjenu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni u spejjez kawzati b'rizultat ta' dawn ir-rapporti u kwerela/i foloz, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ghar-risarciment ta' dawn id-danni;.

Jghidu ghalhekk l-intimati konvenuti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara l-kwereli u rapporti maghmula mill-konvenuti fuq imsemmija lill-pulizija b'konsegwenza ta' liema ttiehdu l-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti fuq deskritti, foloz u inveritjeri;

2. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kawzati lir-rikorrenti b'rizultat tar-rapporti u kwereli foloz u inveritjeri li huma ghamlu kif fuq inghad;

3. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti, okkorendo b'opera ta' periti nominandi, skond il-ligi;

4. Tordna lill-konvenuti jhallsu r-rikorrenti l-ammont hekk likwidat bhala danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tar-rapporti/kwereli foloz fuq imsemmija.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Awwissu, 2010, kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi l-incident mertu ta' dan il-kaz gara fid-9 ta' Mejju 2004 - ghalhekk il-kawza ghad-danni hi preskritta bil-preskrizzjoni ta' sentejn u b'kull preskrizzjoni ohra indikata mill-ligi.

3. Illi tant l-attur ma ghandux ragun fit-talba tieghu illi sabiex ihallas lill-konvenuti lura d-depositu li kien ha fuq il-konvenju, hu insista li tigi firmata skrittura li ebda parti ma tista' tfittex lill-parti l-ohra dwar l-akkadut. In vista ta' din l-iskrittura datata 11 ta' Ottubru 2006, li qed tigi annessa bhala Dok. SM1 l-atturi tilfu u irrinunzjaw ghal kull dritt li jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti. Fil-fatt anke l-Onorabbli Qorti Kriminali indikat din il-mahfra fil-paragrafu ta' qabel tal-ahhar tas-sentenza taghha.

4. Illi kif ser jirrizulta mill-provi huwa minnu li l-attur Anton Camilleri aggredixxa lill-konvenut u mhux minnu li l-istess konvenut ghamel rapport jew kwerela li kienu foloz - tant hu hekk li anke il-pulizija hassew li kellhom jipprocedu kontra l-attur u hargu l-akkuzi li riedu huma.

5. Illi ghal dak li jirrigwarda is-sentenza annessa mar-rikors (Dok. B - sentenza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v Anton Camilleri deciza mill-Onor. Qorti Kriminali fit-12 ta' Mejju 2010), jigi rilevat li l-Qorti ma qalitx li r-rapport tal-konvenuti kien falz - qalet li l-akkuzat ma setax jinstab hati ghaliex il-Qorti ma waslitx ghal konvinciment ta' htija sal-grad l-hemm mid-dubbju dettat mir-raguni.

6. Illi intant id-decizjoni li persuna tigi akkuzata b'dak it-tip ta' reat tittiehed mill-Avukat Generali u mhux mill-konvenuti ghalhekk dawn ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

7. Illi fil-fatt tant ir-rapport ma kienx fieragh li anke l-pulizija u l-Avukat Generali hassew li kien hemm provi bizzejjed sabiex l-attur jitqieghed taht att ta' akkuza.

8. Illi fuq bilanc ta' probabbilita l-aggressjoni tal-attur fuq il-konvenut giet pruvata tant li bil-hlas lura tad-depositu l-attur ittenta li jehles mill-akkuzi kriminali safejn dan kien possibbli. Dok SM2 huwa certifikat mahrug mit-tabib dwar l-aggressjoni li l-konvenut issubixxa dakinhar tal-incident.

9. Illi tant l-attur ma ghandux ragun fit-talba tieghu illi sabiex ihallas lill-konvenuti lura d-depositu li kien ha fuq konvenju, hu insista li tigi firmata skrittura li ebda parti ma tista tfittex lill-parti l-ohra dwar l-akkadut. Ghalhekk anke jekk ma tigix milqugha t-tielet eccezzjoni, din l-iskrittura turi bic-car li l-attur kellu inkwiet serju fuq il-konsegwenzi li seta' jbati ghall-ghemilu.

10. Illi l-iskrittura innifisha (Dok. SM1) taghmel referenza ghall-proceduri kriminali li kien hemm pendenti u ghalhekk il-kwittanza imsemmija f'dik l-iskrittura tkopri ukoll dak li qed jigi mitlub f'din il-kawza.

Rat l-atti u noti tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

F'din il-kawza l-atturi qed jitolbu li l-Qorti tikkundanna lil konvenuti ihallsuhom id-danni talli l-konvenuti ghamlu rapport jew kwerela tal-pulizija li b'konsegwenza taghha inbdew proceduri kriminali kontra l-atturi dwar attentat ta' qtil u li fit-12 ta' Mejju 2010 l-istess attur gie liberat mill-akkuzi. L-atturi isostnu illi r-rapport jew kwerela kienet falza u inveritiera u b'konsegwenza l-atturi sofrew danni patrimonjali.

Mill-atti esebiti tal-proceduri kriminali irrizulta lil Qorti illi fid-9 ta' Mejju 2004 l-kontendenti Anton Camilleri u Saviour Mangion kellhom xi jghidu hdejn id-dar ta' Anton Camilleri dwar konvenju ta' bejgh li kien hemm bejniethom u xi dokumenti li Mangion kien qed jistenna li Camilleri jikkonsenjalu. Frott ta' dan l-argument fejn ukoll jidher car li Camilleri u Mangion gew fl-idejn, gie allegat mill-konjugi Mangion ili f'xi hin Camilleri kellu wkoll arma tan-nar li

skond mart Mangion gie sparat tir minnha. Camilleri tressaq il-Qorti fl-10 ta’ Mejju 2004 u fost affarijiet ohra gie akkuzat b’attentat ta’ qtil wara li l-konjugi Mangion kienu marru l-ghassa jaghmlu rapport dwar l-incident dakinhar stess tal-incident.

B’sentenza tal-Qorti Kriminali tat-12 ta’ Mejju 2010 (fol. 6 et seq. tal-process) Anton Camilleri gie liberat mill-akkuza ta’ attentat ta’ qtil ghax il-prosekuzzjoni ma ippruvatx li fil-fatt Camilleri kellu arma tan-nar meta inqala’ l-incident bejn Camilleri u Mangion ghalkemm irrizulta li Camilleri ikkaguna feriti hfief lil Managion fl-incident minhabba l-argument bl-idejn li nqala bejniethom. Il-Qorti Kriminali ma imponiet ebda piena fuq Camilleri ghal din l-akkuza stante li l-partijiet kienu lahqu ftehim bonarju bi skrittura tal-11 ta’ Ottubru 2006. Din l-iskrittura (fol. 23 et seq. tal-process) kienet tirreferi ghal konvenju li dwaru inqala’ l-inkwiet fejn il-partijiet ftehmu li l-konvenju jigi xolt u jaghtu kwittanza wara li d-depozitu jigi rifuz lil konvenuti u jithallsu xi spejjez u qablu wkoll li jirtiraw u jitransigu l-azzjonijiet kriminali bejniethom safejn dawn kienu rinunzjabbli.

L-atturi intentaw din il-kawza ghad-danni fl-24 ta’ Novembru 2010 wara li baghtu ittra ufficjali lil konvenuti fit-2 ta’ Awwissu 2010. Id-danni li qed jitolbu l-atturi skond notaipprezentata minnhom fit-28 ta’ April 2011 (fol. 29 tal-process) jikkonsistu fi spejjez inkorsi fil-proceduri tal-arrest u dawk gudizjarji u restrizzjonijiet fuq il-liberta, telf ta’ negozju minhabba l-malafama u pressjoni psikologika.

**Eccezzjoni tal-preskrizzjoni**

Il-konvenuti iddefendew ruhhom preliminarjament billi eccepew il-preskrizzjoni ta’ sentejn. Ghalkemm il-konvenuti ma jindikawx l-artikolu ezatt pero mill-mod kif inhi redatta l-eccezzjoni ghal kawza hu car illi l-konvenuti qed jirreferu ghall-artikolu 2153 tal-Kap. 16.

**Eccezzjoni preliminari ta’ preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16**

L-azzjoni attrici hi bazata fuq danni mhux kagonati b'reat jew minn xi relazzjoni kontrattwali pre ezistenti bejn il-partijiet. Japplika ghal din l-azzjoni l-artikolu 1031 tal-Kap. 16 li jghid li kullhadd iwiegeb ghal hsara li tigri bi htija tieghu.

L-artikolu 2153 imbaghad ighid li l-azzjoni ghal hlas tal-hsarat mhix kagonati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn.

Kif intqal fil-kawza **Mary Xuereb vs Nutar Emanuel Agius** deciza fil-31 ta' Ottubru 1959 (Vol. XLIII-II-789):

> "Illi skond il-gurisprudenza taghna, l-artikolu nvokat u l-preskrizzjoni opposta msemmija fih jirrigwardaw Danni derivanti minn htija jew "culpa" extra-kontrattwali, jew, kif tissejjah komunement, "Culpa Aquiliana". Fi kliem iehor, hija applikabbli ghad-danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi-delitti (ara Appell "**J. Camilleri vs Dr. Frendo**", 22 ta' Frar 1889; Vol. XII, pag. 144: Kummerc "**Calafato vs Muscat**", 5 ta' Frar 1893; Vol. XV pag. 44; P.A. Civili "**Similiana vs Fenech**", 14 ta' Frar 1900, Vol. XVII, p. 180; Appell "**Scicluna vs Trany**", 22 ta' Gunju 1900, Vol. XVI, P.I. pag. 151; Kummerc "**Attard vs Zerafa**", 24 ta' April 1906, Vol. XIX-III-106; Appell "**Dr. Buhagiar vs De Nicola**", 30 ta' Jannar 1911, Vol. XXI-I-529; Appell "**Dr. Galea Naudi vs Zammit**", 9 ta' Marzu 1925, Vol. XXVI-I-54; P.A. Civili "**Vella vs Fenech**", 7 ta' Dicembru 1927, Vol. XXVI-II-515; Appell "**Tonna vs Smith**", 7 ta' Novembru 1932, Vol. XXVIIII-I-726; u ohrajn);
>
> "Illi jinghad ukoll li tant id-dottrina kemm il-gurisprudenza lokali stabbilew li din il-preskrizzjoni tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu jidderiva ddannu u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih (ara Appell 30 ta' Mejju 1952, "**Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle McCance**", Vol. XXXVI-I-133; Appell 22 ta' Gunju 1900, "**Scicluna nomine vs Trany nomine et**" fuq citata; Kummerc 31 ta' Jannar 1935, "**Michele Mifsud vs Eugenia Buhagiar**", Vol. XXIX-III-92; Pugliese, Parte II, La Prescrizione Estintiva, para. 63; Laurent, Dto. Civile, Vol. XXXII, para. 15; Baudry, Vol. XXVIII, Prescrizione, para. 380) ..."

Billi fil-kaz tal-culpa aquiliana, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta jigri l-fatt illecitu u mhux minn meta l-parti tigi issir taf bil-fatt, il-preskrizzjoni fost ragunijiet ohra tinkiser b'att gudizjarju pprezentat f'isem is-sid jew kreditur innotifikat lil parti l-ohra li kontra taghha

wiehed irid ma jhallix timxi l-preskrizzjoni u li minnu jkun jidher car illi s-sid jew il-kredituri bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom (artikolu 2128 tal-Kap. 16).

It-test dwar iz-zmien meta jibda jiddekorri l-preskrizzjoni hu wiehed oggettiv u mhux soggettiv ghall-atturi b’mod li l-principju Ruman contra non valentem agere non currit prescriptio jsib applikazzjoni biss fejn il-ligi tippermetti dan minhabba ostakoli materjali bhal vjolenza jew qerq jew zball (ara artikolu 1223 tal-Kap. 16). In fatti l-artikolu 2137 tal-Kap. 16 jipprovdi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni tista’ tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha tmiss din l-azzjoni (ara **Micallef vs Agius**, App Civ 06/10/2000).

Japplika wkoll il-principju li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa milli tagixxi fil-kaz fejn l-ezercizzju ta’ azzjoni processwali tiddependi minn pronunzjament iehor u allura ma jistax jiddekorri l-perjodu preskrittiv (**Xuereb vs Zammit**, App Kumm 09/03/1994). Din l-ahhar sentenza qalet hekk:

> “... meta tkun sentenza tal-Qrati li tohloq id-dritt ta’ azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni gudizzjarja tista’ tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista’ tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun sempliciment dikjaratorja ta’ x’kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel beda l-procediment, allura, huwa daqstant iehor car li tali sentenza m’ghandha ebda rilevanza la ghal meta l-azzjoni tal-kreditur setghet tigi intavolata u konsegwentement, ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.”

Applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami l-Qorti fl-ewwel lok teskludi li din l-azzjoni hi ghal hlas ta’ hsarat kagunati b’reat peress illi ebda reat ma gie addebit jew kommess mill-konvenuti izda biss allegat agir illecitu u abusiv li wassal ghal telf finanzjarju da parti tal-atturi u kwindi hu applikabbli l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 ghal din l-azzjoni. Tant hu hekk illi ebda azzjoni ta’ natura penali ma ittiehded kontra l-konvenuti u s-sentenza tal-Qorti Kriminali li illiberat lil attur ma attribwit ebda htija jew kommissjoni ta’ xi reat da parti tal-konvenuti.

Il-Qorti hi perplessa li t-talba attrici ghaz-zamma tad-dritt ghad-danni allegatament subiti saret l-ewwel darba formalment bl-ittra ufficjali tat-2 ta’ Awwissu 2010 cioe wara li inqatghet il-kawza kriminali. Din il-Qorti tqis illi t-talba attrici mhix imsejsa fuq jekk l-attur kienx ser jinstab hati jew jigi mehlus mill-kawza kriminali li saret kontrih. Del resto l-kawza kriminali u l-

akkuzi ma sarux mill-konvenuti izda mill-Istat Malti fil-konfront tal-attur. Id-dritt tal-atturi insorga mill-allegat agir doluz tal-konvenuti fil-konfront tal-attur li fid-9 ta' Mejju 2004 ghamlu rapport lil pulizija li l-attur kien uza arma tan-nar kontrihom. Anki jekk ma kienx konsapevoli tar-rapport meta sar, zgur sar jaf bih meta tressaq il-Qorti fid-9 ta' Gunju 2004 (ara fol. 67 tal-process).

L-atturi jallegaw illi r-riperkussjonijiet negattivi patrimonjali u psikologici insorgew mill-akkuza inveritiera u intiza biex taghmel hsara da parti tal-konvenuti bir-rapport li huma ghamlu lil pulizija u li waslu ghall-akkuza kriminali fil-konfront tal-attur. Tali konsegwenzi insorgew direttament u specifikament minn meta almenu gie akkuzat l-attur bir-reat ta' attentat omicidju fl-2004. Fil-fatt l-istess attur fin-nota spjegattiva tieghu jirreferi ghar-restrizzjonijiet imposti mill-Qorti li effettwawh psikologikament u fin-negozju tieghu. Il-fatt li l-proceduri gudizjarji kriminali tawlu, ma jbiddel xejn mill-fatt illi l-attur dejjem sostna l-innocenza tieghu u implicitament li l-konvenuti kienu ghamlu rapport ibbazat fuq fatt inezistenti cioe z-zamma u sparar ta' arma tan-nar, u ikkawzawl danni civili lil atturi minhabba l-agir taghhom.

Is-sentenza tal-Qorti kriminali ma holqot ebda dritt izda semmai tat forza probatorja tad-dritt li kellhom l-attur u martu li jikkawtelaw ghad-danni sofferti u li kienu qed isofru naxxenti minn att specifiku cioe rapport lil pulizija da parti tal-konvenuti.

Ma jistax jinghad li l-atturi ma setghux ikunu konsapevoli jew f'pozizzjoni li jipprezervaw id-dritt ghar-resarciment tad-danni kagunati bir-rapport allegatament falz qabel is-sentenza tal-Qorti kriminali ghaliex xejn ma kien josta lil atturi li jaghmlu dan b'ittra gudizjarja ghal dan l-iskop li setghet tibqa' tiggedded sat-tmiem tal-kawza kriminali. Dan ma ghamluhx izda giethom f'mohhom biss wara li intemmet il-kawza kriminali li ma stabbiliet ebda jedd izda biss semmai tatu aktar forza bhala fatt probatorju ghall-azzjoni spettanti lilhom tad-danni naxxenti kif gia inghad mill-att allegatament negattiv u dannuz da parti tal-konvenuti bir-rapport li ghamlu kontra l-attur fl-2004.

Del resto l-istess attur fl-iskrittura tal-2006 irrinunzja ghal kull azzjoni kriminali fil-konfront tal-konvenut safejn kien rinunzjabbli. Ghalkemm hu minnu illi ma hemm ebda ftehim dwar rinunzja ta' azzjoni civili pero l-atturi, konsapevoli ta' dak li sehh, ghazlu li jirregolarizzaw il-

pozizzjoni taghhom fuq in-negozju li kellhom mal-konvenuti li minnu inqala' l-inkwiet kollu, irregolarizzaw sa fejn setghu l-kwistjonijiet ta' natura kriminali bejn il-partijiet pero ma hadu ebda kura li jipprezervaw id-drittijiet taghhom ta' natura civili naxxenti mill-agir tal-konvenuti li allegatament kien dannuz civilment fil-konfront taghhom.

Billi l-azzjoni attrici saret madwar sitt snin mindu insorga d-dritt taghhom minghajr ma zammew fermi d-drittijiet taghhom kif titlob il-ligi, il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni maghmula mill-konvenuti hi applikabbli ghal kaz.

Ma jistax jinghad anqas illi l-preskrizzjoni hi sospiza ghax id-dannu baqa' isehh u jikber tul il-kawza sa ma eventwalment inqatghet il-kawza kriminali. L-awment fl-allegat dannu ma kienx jikkostitwixxi fatt oggettivament gdid li ta lok ghad-dannu pretiz izda kien biss fattur li jistabilixxi l-quantum effettiv tad-dannu subit sal-mument tas-sentenza tal-Qorti Kriminali li kif inghad seta' gie salvagwardat b'semplici ittra ufficjali jew protest biex it-terminu ta' preskrizzjoni ma jkomplix jiddekorri minn meta beda jsehh id-dannu b'mod oggettiv u determinat cioe mid-data tal-akkuzi kriminali kontra l-attur.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tal-konvenuti li l-azzjoni attrici hi preskritta u dan fil-fehma tal-Qorti a bazi tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 hi ben fondata u kwindi qed tichad it-talbiet attrici , bl-ispejjez kontra taghhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------